**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 26 ta' Settembru 2023**

**Rikors Kost. Nru. 551/2022 GM**

**Ahmad Aziz (K.I. Nru. 0392507L)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ahmad Aziz li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> L-esponent jinsab għaddej proċeduri kriminali fl-ismijiet Ir-Republika ta' Malta vs Ahmad Aziz (Att ta' Akkuża numru 6/21). F'dawk il-proċeduri l-esponent huwa akkużat talli akkwista ċ-ċittadinanza ta' Malta b'mezzi frawdolenti.
>
> Fl-istess waqt id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jnizzja proċeduri ċivili kontra l-esponent fejn qed jitolbu dikjarazzjoni illi ċ-ċittadinanza tal-esponent ġiet akkwistata b'mezzi frawdolenti u dan bi ksur tal-artikolu 263 tal-Kap. 16 tal-Liġijet ta' Malta. In effetti dak pretiż mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku huwa rifless fis-sitt kap ta' l-akkuża u cioe' illi l-esponent għamel użu minn dokumenti, dikjarazzjonijiet u ċertifikati li huwa stess iffalsifika. Din il-kawża ċivili hija fl-ismijiet ld-Direttur Tar-

Reġistru Pubbliku vs Ahmad Aziz (Rik. Ġur. Nru. 421/18 TA) u tinsab differita għas-sentenza għat-12 ta' Jannar 2023.

Il-fatt illi din il-kawża ċivili qed tipprosegwixxi u ser tiġi deċiża qabel ma jiġi appuntat, mismugħ u deċiż il-ġuri kontra l-esponent dan ser isarraf fi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent għal smigħ xieraq. Meta l-proċeduri ċivili jiġu deċiżi, is-sentenza ta' dawk il-proċeduri tkun tista' tiġi ppreżentata bħala prova oħra fil-proċeduri kriminali kontra l-esponent. Din il-prova tkun effettivament pronunzjamet ġudizzjarja (verament fuq bażi ta' probabilita') illi l-esponeni verament wettaq dak allegat fil-konfront tiegħu fis-sitt kap tal-akkuża u cioe' ksur tal-artikoli 17, 18, 31, 185,(2) 186 u 533 tal-Kap 9.

In effetti fil-proċeduri ċivili diġa' ġew esebiti xi dokumenti mill-proċeduri kriminali. Fil-fatt kienet ġiet prodotta r-Reġistratur tal-Qorti Kriminali li esebiet numru ta' dokumenti. Kopja tax-xhieda relattiva qed tiġi annessa u mmarkata Dok A.

Għalhekk m'hemmx xejn x'jimpedixxi lill-prosekuzzjoni illi jesebixxu xi atti fil-kawża ċivili u s-sentenza tal-istess fil-proċeduri kriminali. In effetti jingħad ukoll illi l-esponent xehed fil-proċeduri ċivili filwaqt li fil-proċeduri kriminali għandu d-dritt illi ma jixhidx.

Minħabba f'dan l-esponent intavola rikors fl-atti tal-proċeduri ċivili fejn talab lil dik il-Qorti tissoprasjedi sakemm ikun hemm eżitu fil-proċeduri kriminali. Permezz ta' digriet tal-11 ta' Ottubru 2022 din it-talba ġiet miċħuda. Qed jiġu esebiti kopja tar-rikors u kopja tad-digriet bħala Dok B u C.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

i) Tiddikjara li l-prosegwiment tal-proċeduri fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Id-Direttur Tar-Reġistru Pubbliku vs Ahmad Aziz (Rik. Ġur. Nru. 421/18 TA) liema proċeduri jinsabu differiti għas-sentenza għat-12 ta' Jannar 2023 qabel ma jistema l-ġuri fl-ismijiet Ir-Republika ta' Malta vs Ahmad Aziz (Att ta' Akkuża numru 6/21) jilledi d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

ii) Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xieraq, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż illi tordna s-soprasessjoni tal-proċeduri ċivili imsemmija fl-ewwel talba.

Rat ir-Risposta Konġunta tal-Avukat tal-Istat u tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li permezz tagħha eċċepew illi :

1. Preliminarjament l-esponenti jirrilevaw li din l-azzjoni sabiex issir soprasessjoni fil-kawża ċivili bin-numru **421/2018** fl-ismijiet '***Director of Public Registry vs Ahmad Aziz***' hija irrita u nulla. Dan jingħad għaliex talba ta' soprasessjoni hija rimedju eċċezzjonali li joħroġ mill-ġurisprudenza u liem rimedju **jista' jintalab biss fl-atti tal-kawża relevanti** u mhux tinfetaħ kawża kostituzzjonali seperatament. In oltre, tajjeb li jingħad li dan ir-rimedju diġà ġie mitlub mir-rikorrent Ahmad Aziz fil-kawża preċitata u l-Onorabbli Prim'Awla ċaħditlu t-talba fid-digriet mogħti fis-seduta tal-11 t'Ottubru 2022, hawn anness u mmarkata bħala Dok. DRP 1, f'liem seduta r-rikorrent wiegħed lill-Qorti li ħa jagħmel ħiltu u jippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu f'qasir żmien ħalli l-kawża tintemm mingħajr ebda xkiel ieħor min-naħa tiegħu;

2. Wara diversi rikorsi, xi wħud minnhom flimkien mas-sentenzi relattivi tagħhom hawnhekk annessi u mmarkati 'Dok DRP 2', 'Dok. DRP 3' u 'Dok DRP 4', fil-kawża ċivili sopraċitata quddiem kemm l-Onorabbli Prim'Awla u l-Onorobbli Qorti tal-Appell, liema rikorsi kollha ġew miċħuda u dikjarati frivoli u vessatorji, sabiex itawwal iktar il-proċeduri ċivili issa r-rikorrent Ahmad Aziz preżenta l-kawża kostituzzjonali odjerna sabiex jiskapula l-ġudizzju tal-Onorabbli Prim'Awla;

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu l-esponent jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti *stante* li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

4. L-ewwel nett jingħad li kif ingħad tant tajjeb fis-sentenza ta' ***Axel John International AB vs Aluminium Extrusions Limited*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Frar 2001[1] u kif ingħad tajjeb mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet ***L. Cuschieri vs Onor Prim. Ministru*** deċiża fit-12 t'Awwissu 1994:

"***<u>L-eċċezzjoni ta' soprasessjoni fis-sens illi l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema tagħna m'hijiex kontemplata</u>****, għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili – Kap. 12 jikkontempla, hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens li però - kif jidher sewwa mill-artikoli 792 sa 794 - tirriferixxi għal dik is-sitwazzjoni ġuridika li tinħoloq:-*

*"Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża imressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra." kif jgħid l-art. 792 Kap. 12."*

5. Magħdud sfiq mal-premess u fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' ***lis alibi pendens,*** liem rikjesta hija waħda simili għal din odjerna din l-Onorabbli Qorti kif diversiment preseduta fis-sentenza fl-ismijiet ***Simplex Limited et vs Lux Limited et***[2] stqarret li:

[1] Ċit Nru 104/01 GV.
[2] Rks. 73/2018 FDP deċiż fil-5 ta' Lulju, 2022.

*54. Dwar l-eċċezzjoni tal-lis alibi pendens, l-artikolu 792 tal-Kap 12 jipprovdi:*

*"Meta titressaq kawża quddiem il-Qorti kompetenti wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem il-Qorti kompetenti oħra, il-kawża imressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil din il-Qorti l-oħra."*

*55. Skont il-ġurisprudenza* ***tal-Qrati Tagħna, l-eċċezzjoni tal-lis alibi pendens hija fondata fuq l-istess tlett elementi ta' res judicata, eadem res, eadem personam, u eadem causa petendi (Ara Crocefissa Sammut et vs Joseph Spiteri et, Appell Ċivili datat 10 ta' Ottubru 2003).***

*56. Jiġi osservat fl-ewwel lok,* ***li s-soprassessjoni tingħata biss f'każijiet eċċezzjonali, dan peress li twaqqaf il-kawża u żżommha milli tinqata' bi speditezza fi żmien raġonevoli. (Ara Dottor Alfred Mifsud vs Onorevoli Prim Ministru deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 1994).***

***57. L-iskop tal-eċċezzjoni tal-lis alibi pendens hu li jimpedixxi li fuq l-istess kontroversja bejn l-istess partijiet jiġu mogħtija minn żewġ qrati differenti żewġ sentenzi, li jista' wkoll ikunu irrikonċiljabbli. (Ara AX Holdings Limited et vs Elia Sammut (788/2017 deċiża fis-26 ta' April 2018).***

*58. Jirriżulta fil-każ odjern, filwaqt li l-fond mertu ta' din il-vertenza u l-partijiet huma l-istess bħal fil-vertenza Rik Nru 206/2007,* ***dak li jrid jiġi mistħarreġ u trattat flimkien mat-talbiet huma kompletament differenti.***

*59. Fil-fatt, minn eżami tat-talbiet fil-każ odjern, komparat mat-talbiet fil-każ 206/07* ***jirriżulta evidentement li t-talbiet huma distinti għal xulxin, b'hekk m'hemmx lok li tintlaqa' din it-tielet eċċezzjoni."***

6. Il-prinċipji suesposti ġew konfermati fis-sentenza fl-ismijiet ***Axel John International AB vs Aluminium Extrusions Limited*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-21 ta' Frar 2001[3] u fis-sentenza fl-ismijiet ***L. Cuschieri vs Onor Prim. Ministru*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 t'Awwissu 1994 fejn ingħad:

*"Hemm però, fl-artikolu 965 C u D Kap.12, imsemmija dawk il-kawżi li l-Qorti tissospendi t-trattazzjoni tagħhom "sakemm tiġi deċiża kawża oħra" jew "sakemm xi waħda mill-partijiet tagħmel kawża oħra" u* ***dawn il-każijiet huma konsiderati tant eċċezzjonali*** *illi - kif jiddisponi, l-istess artikolu - huma soġġetti għall-perikolu tad-deżerzjoni jekk kemm-il darba l-parti interessata, ma attentatx biex fi żmien qasir tirravviva l-kawża sospiża.* ***Iżda jidher ċar li dawn is-sospensjonijiet huma fakoltattivi għall-Qorti u mhux obbligatorji u infatti, jibqgħu dejjem apprezzabbilment aleatorji u għalhekk, appena tollerati fis-sistema ġuridika, tant illi din il-fakoltà ta' sospensjoni hija msemmija f'dik il-parti tal-Kodiċi ta' Proċedura li titratta mid-deżerzjonijiet preżunti tal-kawżi****....*

[3] Ċit Nru 104/01 GV.

***Ġie deċiż diversi drabi mill-Qrati tagħna li l-Qorti għandha tilqa' talba għas-soprasessjoni biss:***

- ***meta hu spedjenti li tagħmel hekk; (Vol 39 p 1 p467 Galea vs Galea u App.Ċiv. Cassar vs Xuereb 12.3.73;)***
- ***meta jkun hemm lok għas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawża oħra (Vol XLVI p2 p 591);***
- ***Il-Qorti m'għandhiex tordna s-soprasessjoni jekk il-parti l-oħra tkun ser tbati preġudizzju;***
- ***Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u għandu jiġi applikat biss jekk hu neċessarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. (Vol XL1 p1 p 507).***

*Fil-każ in eżami l-kawża li ppreżentaw l-intimati hija tentativ ieħor biex huma iwaqqfu lil dina l-Qorti milli tisma' r-rikors tar-rikorrenti ...* ***billi t-talba tal-intimati digà ġiet konsidrata u miċħuda aktar minn darba****; m'hemmx konnessjoni bejn iċ-ċitazzjoni li ppreżentaw u dana r-rikors u dina l-Qorti għandha elementi biżżejjed biex tiddeċiedi l-kwistjoni prinċipali u taqta' l-eċċezzjonijiet tal-intimati indipendentement mit-talba li l-intimati qed jagħmlu quddiem Qorti oħra.*

***Kif diġà ngħad aktar fuq is-sospensjonijiet huma fakoltattivi għall-Qorti u mhux obbligatorji u f'dana l-każ il-Qorti hi tal-fehma li f'dana l-każ legalment mhix tenuta li takkorda s-sospensjoni apparti l-konsiderazzjonijiet l-oħra li r-rikorrenti qed jiġu preġudikati b'dan id-dewmien"***

7. Fid-dawl ta' dak premess, l-esponent jistqarr li fil-kawża odjerna ma jissussisti l-ebda kriterju minn dak elenkat fis-sentenza suesposta u b'hekk it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda *in toto*. Din il-konklużjoni l-esponenti wasslu għaliha għar-raġunijiet li ħa jsegwu;

8. L-ewwel u qabel kollox, il-proċedura kriminali bl-Att t'Akkuża bin-numru 6/21 u l-proċeduri ċivili biċ-ċitazzjoni bin-numru 421/2018 huma kompletament distinti u separati. Dan jidher ċar mill-fatt li r-rikorrenti fiż-żewġ azzjonijiet, l-Avukat Ġenerali u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, huma kompletament distinti minn xulxin. In oltre, ħarsa waħda lejn ir-rżultati li qed jintalbu mill-Avukat Ġenerali bħala prosekutur u mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku joħroġ evidenti li anki it-talbiet mitluba fiż-żewġ azzjonijiet huma totalment differenti għaliex filwaqt li l-Avukat Ġenerali qed jitlob għas-sejbien ta' ħtija u l-kundanna xierqa, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kull m'hu jitlob hu li ssir il-kanċellazzjoni taċ-Ċertifikat tat-Twelid tar-rikorrent minħabba li l-informazzjoni u d-dokumenti li ġie provdut mir-rikorrent huma foloz u fallaċi;

9. Dawn id-distinzjonijiet sopraċitati huma loġiċi *stante* li huwa stat ta' fatt li n-natura legali taż-żewġ azzjonijiet imsemmija hija differenti għaliex waħda hija intrinsikament kriminali filwaqt li l-oħra hija intrinsikament ċivili. Din hija konfermata mir-*ratio legis* espressa fl-Artikoli 3 u 6 tal-Kodiċi Kriminali, u ċjoe`, li reat kriminali jista' jwassal għal żewġ azzjonijiet legali li huma distinti u separati minn xulxin u li jiġu ntavolti indipendentement quddiem qrati ta' kompetenzi differenti. Dan ġie espressament konfermat fis-sentenza fl-ismijiet ***Maurice Meli Buġeja pro et noe vs Francis Vella*** (deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar 2001)

fejn ingħad li "***Il-proċeduri kriminali u dawk ċivili huma distinti u separati u ma hemm xejn li jżomm lill-atturi biex jintavolaw din il-kawża fil-mori tal-proċeduri kriminali…***";

10. Terġa' u tgħid fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Paul Gladwish*** deċiża fit-12 ta' Diċembru 2018, il-Qorti tal-Appell Kriminali stqarret:

"***Il-Liġi tagħna tagħmel distinzjoni netta bejn iż-żewġ tipi ta' azzjoni li jitnisslu mill-istess reat iżda jimxu indipendentament minn xulxin, bi kriterji differenti li japplikaw għall-piż probatorju. Fil-kamp kriminali l-prova trid tkun oltre kull dubju raġjonevoli filwaqt li fil-kamp ċivili huwa biżżejjed li l-prova ssir skont il-grad inqas rigoruż tal-bilanċ ta' probabilita'***.

Fir-rigward tad-differenzi bejn proċeduri kriminali u dawk ċivili ippronunzjat ruħha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ***Francis Vella vs. Avukat Ġenerali*** tal-25 ta` Mejju 2010 fejn intqal is-segwenti:

*Din il-Qorti tara li ma hemm xejn illoġiku jew kontra d-drittijiet fundamentali tal-bniedem fil-prinċipju li l-proċess kriminali u dak ċivili għandhom jitqiesu separati u distinti minn xulxin, għax proċess kriminali jitmexxa, fil-parti l-kbira, mill-istat, għandu regoli partikolari għalih u immirat għall-imposizzjoni ta' piena f'isem il-kollettivita`. Il-proċess ċivili, min-naħa l-oħra, jitmexxa mill-individwu fl-interess tiegħu biss, u hu immirat mhux għall-imposizzjoni ta' piena, iżda għar-restituzzjoni in integro tad-drittijiet tiegħu. Fil-proċess kriminali, il-ħtija trid tirriżulta mingħajr l-iċken dubju, u l-akkużat jista' jibqa' sieket tul il-proċess kollu u ma jistax jiġi mġiegħel jagħti x-xhieda tiegħu. Minħabba dawn ir-restrizzjonijiet fil-proċess kriminali, ġieli jiġri li akkużat jinħeles minn kull imputazzjoni minħabba nuqqas ta' provi, pero`, dan m'għandux iċaħħad liċ-ċittadin milqut ħażin bl-aġir tal-akkużat li fi proċedura differenti, jitlob "just satisfaction" għall-ħsara li ġarrab. Id-dritt tal-vittma li jersaq lejn il-Qorti u jmexxi hu proċedura għar-rimedju opportun, ma jistax jiġi mwarrab a bażi tal-fatt li l-istat, bil-proċedura partikolari tiegħu, ma rnexxielux issib lill-istess persuna kriminalment ħatja. Kull ċittadin għandu dritt għall-aċċess għall-Qorti biex jitlob rimedju għal-lanjanzi tiegħu, u ma jistax ikun ta' ostakolu għal dan id-dritt proċess li fih hu ma jistax jieħu parti wisq attiva, u fejn ir-regoli proċedurali jagħtu, ftit jew wisq, vantaġġ lill-parti l-oħra.*

Dan huwa minnu għas-sitwazzjoni odjerna fejn għandna żewġ azzjonijiet legali kompletament distinti, tant hu hekk li l-kawża ċivili ġiet intavolata fl-2018 qabel l-att t'akkuża tal-2021, għaliex waħda taqa' fil-kamp kriminali, filwaqt li l-oħra taqa' fil-kamp ċivili u għalhekk anki l-*onus* tal-prova huwa differenti, kif diġa' ingħad (ara ***Eucaristico Żammi vs. Eustrachio Petrococchino*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 1952, ***Antoine Spiteri vs Mario Vella et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Novembru 2017, Rks Nru 475/13LM, ***Paul Vassallo vs Carmelo Pace*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Marzu 1986 u ***Group 4 Securitas (Malta***

***Limited) vs Godfrey Lopez et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Novembru 2013);

11. Fir-rigward tal-ilment tar-rikorrent Ahmad Aziz fejn jirrileva li s-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla fiċ-ċitazzjoni numru 421/2018 ħa taffetwa l-proċeduri kriminali għaliex ħa tinfluwenza l-ġuri meta tiġi eżebita bħala prova mill-prosekuzzjoni, l-esponenti jistqarru li dan assolutament mhuwiex minnu. L-ewwel nett, meta jistqarr hekk ir-rikorrent donnu diġa' ippresupona li s-sentenza tal-kawża bin-numru 421/2018 quddiem l-Onorabbli Prim'Awla ħa tinqata' kontra tiegħu u mhux favorih. It-tieni nett, ir-rikorrent qiegħed ukoll jassumi li wara li tingħata s-sentenza, hu mhuwiex ħa jappella u għalhekk din ħa tgħaddi in ġudikat qabel ma jiġi ċċelebrat il-ġuri. Barra minn hekk, huwa minnu li l-Prosekuzzjoni tista' tagħmel talba biex l-atti quddiem il-Qorti Kriminali jiġu mibgħuta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tkun tista' tiġi esebita formalment is-sentenza ċivili, iżda ma hemm ebda garanzija li l-Avukat Ġenerali ser jieħu dan il-pass anke jekk tinqata' sentenza kontra r-rikorrent;

12. Magħdud mal-premess, bl-ikbar rispett lejn l-Onorabbli Prim'Awla kif diversament preseduta fil-kawża kontra r-rikorrent biċ-ċitazzjoni numru 421/2018, jingħad li sentenza tal-imsemmija kawża ċivili mhijiex ħa tagħmel xi impatt partikolari anki illi kieku tinqata' kontra r-rikorrent u tiġi eżebita bħala prova quddiem il-Qorti Kriminali. Dan jingħad għaliex il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħa tkun użat il-bilanċ tal-probabilità sabiex tkun waslet għad-deċiżjoni tagħha filwaqt li quddiem il-Qorti Kriminali jkun hemm bżonn li l-allegazzjonijiet tal-prosekuzzjoni jridu jiġu pruvati lil hinn kull dubju raġonevoli. Infatti, huwa iktar komuni li sentenza tal-Qrati Kriminali jiġu eżebiti bħala prova f'proċeduri ċivili milli viċi versa. B'hekk kwalunkwe sentenza tista' tingħata mill-Onorabbli Prim'Awla fil-kawża suċitata, ikun xi jkun l-eżitu, ma tista' qatt tinkombi fuq l-eżitu tal-kawża kriminali li hemm kontra r-rikorrenti u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-kawża ċivili bin-numru 421/2018 għandha tiġi sospiża indefinitivament sakemm tinqata' l-kawża kriminali kontra r-rikorrent (ara ***Joseph Degaetano noe v. Avukat Louis Galea et noe***, Qorti tal-Appell deċiża 5 ta' Ottubru 1981 u ***Bartolo & Kyle Limited vs Rodnei Catania*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 t'April 2018);

13. In oltre mal-premess, għandu jiġi mfakkar li anke kieku s-sentenza tifforma parti mill-provi, din mhix l-unika prova li ser tinġieb quddiem il-ġurati. Apparti minn hekk, u fi kwalunkwe każ, fi tmiem il-ġuri, l-imħallef togat ser jindirizza lill-ġurati u apparti milli jispjega x'inhuma l-obbligi tagħhom bħala ġurati, ser jiggwidhom ukoll fuq kif għandhom jiżnu l-valur probatorju tal-provi miġjuba waqt il-ġuri. Finalment, u fi kwalunkwe każ, anke jekk ir-rikorrent jiġi misjub ħati u mogħti piena, dejjem għandu dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fejn jista' jilmenta kemm irid fuq il-provi miġjuba kontrih;

14. *In pessima ipotesi*, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ħa jsofri peġudizzju insurmontabbli għaliex l-Att tal-iStat Ċivili li jippriżerva hu fir-Reġistru Pubbliku ħa jibqgħu jixhdu informazzjoni falza għal tul ta' żmien indefinit, u ċjoe' sakemm il-proċeduri kriminali quddiem

ġurija jiġu deċiżi u jgħaddu in ġudikat, liem proċess indubitament ser jieħu x-xhur jekk mhux anki snin *stante* li dawn il-proċeduri kriminali għadhom lanqas biss ġew skjedati;

15. Għalhekk isegwi li r-rikorrent ma jissodisfa l-ebda kriterju sabiex tingħata soprasessjoni, anzi pjutost jista' jsofri preġudizzju d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-iStat Malti jekk tali kawża tiġi sospiża u r-rikorrent jitħalla jgawdi Ċittadinanza Maltija li mhijiex dovuta lilu;

16. Dwar l-ilment mibni fuq **l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,** l-esponent jissottometti li l-kunċett kollu ta` smigħ xieraq ma jdurx mal-interpretazzjoni tal-liġi sostantiva jew mal-prinċipji tal-ermenewtika legali iżda huwa mixħut esklussivament fuq il-"procedural fairness" ta' kawża. L-aċċess għall-qorti ma jfissirx li l-liġi għandha tinkiteb kif tkun tixtieq parti. Billi għalhekk l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex marbut ma' xi nuqqas proċedurali, dan l-ilment għandu jiġi miċħud ukoll. Il-liġi tagħti ċerti vantaġġi lill-akkużat, u wħud minn dawn il-vantaġġi huma saħansitra mħarsa mil-liġijiet fundamentali, iżda fost dawn il-vantaġġi ma hemmx dak li l-akkużat għandu jedd li jagħżel ix-xhieda jew provi li tista' tressaq il-prosekuzzjoni.

Il-fatt li hu jista' jiġi ppreġudikat bis-sentenza ċivili huwa irrelevanti. L-akkużat m'għandux jedd għal kull vantaġġ li jista' jwassal għall-ħelsien tiegħu u apparti minn hekk id-dritt għal smigħ xieraq ma jiġix mittiefes sempliċiment għaliex tintuża prova mhux favur l-akkużat;

17. Kif intqal fis-sentenza ta' ***Emmanuel sive Leli Camilleri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Ottubru 1999 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Diċembru 2000, biex ikun hemm ksur tad-dritt fundamentali, dan il-preġudizzju jrid ikun għad-dritt ta' smigħ xieraq u mhux għall-interess li għandu kull akkużat li jinħeles mill-akkużi. Il-fatt li prova li tinġieb kontra min hu akkużat biex turi l-ħtija tiegħu tista' tkun ta' preġudizzju għall-interessi tiegħu, iżda dan waħdu ma jfissirx li jkun qiegħed jiġi mċaħħad minn smigħ xieraq.

Il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs (*equality of arms*) f'proċeduri penali jfisser li xhieda jinġiebu fil-preżenza tal-akkużat biex b'hekk, ikun jaf fuqhiex huma mibnija l-akkużi miġjuba kontrih, biex ikun jista' jagħmel kontro-eżami tax-xhieda u biex ikun jista' jwaqqa' jew imeri din ix-xhieda billi jressaq provi tiegħu. Dan il-prinċipju iżda ma jfissirx li akkużat jista' jżomm lill-Prosekuzzjoni milli tressaq ix-xhieda li tkun materjali għall-każ tagħha u li tkun ammissibbli skont il-liġijiet proċedurali;

18. In oltre, huwa interessanti li r-rikorrent kellu l-faċilità li jagħmel talba għal soprasessjoni mis-sena 2018, ċjoe` minn mindu nfetħu l-proċeduri ċivili kontrih, imma madanakollu ddeċieda li jagħmel din it-talba issa fl-istadju tal-prolazzjoni tas-sentenza. Filfatt, fl-aħħar seduta tal-kawża ċivili bin-numru 421/2018 ir-rikorrent

informa lill-Onorabbli Prim'Awla li hu ħa jkun qiegħed jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet sabiex il-kawża tgħaddi għas-sentenza. Madankollu, ir-rikorrent issa li qed jibża' mill-ġudizzju tal-Onorabbli Prim'Awla, intavola l-azzjoni odjerna sabiex jipprova ttawwal iż-żmien u jiskapula l-ġudizzju ta' dik l-Onorabbli Qorti u għalhekk ukoll it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda in *toto*;

19. Magħdud ma' dan kollu, ma seħħet ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda. Ulterjorment, l-esponent huwa tal-fehma li din il-kawża hi sempliċiment **frivola u vessatorja** u konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 10 tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent għaddej proċeduri kriminali akkużat talli akkwista ċ-ċittadinanza ta' Malta b'mezzi frawdolenti u mistenni jgħaddi ġuri. Fl-istess waqt id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fetaħ proċeduri ċivili kontrih li fihom talab dikjarazzjoni li kiseb iċ-ċittadinanza b'mezzi frawdolenti bi ksur tal-Art. 263 tal-Kodiċi Ċivili.

Fir-rikors promotur ir-rikorrent jallega li aktarx il-kawża ċivili sejra tiġi deċiża qabel ma jiġi appuntat il-ġuri u s-sentenza tkun tista' tiġi ppreżentata bħala prova kontrih. Talba tiegħu għas-soprassessjoni tal-kawża ċivili ġiet miċħuda. Jallega wkoll li huwa ta x-xhieda tiegħu fil-proċeduri ċivili filwaqt li għandu d-dritt tas-silenzju f'dawk penali.

Abbażi tal-fatti suesposti, r-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-prosegwiment tal-proċeduri ċivili jiksirlu d-dritt għal smigħ xieraq u għalhekk jitlob li din il-Qorti toħroġ l-ordnijiet meħtieġa inkluża s-soprassessjoni.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jallega li:

(i) qed isofri *double jeopardy.*

(ii) ma ngħata ebda twissija qabel xehed fil-proċedura ċivili, u dan hu ksur tad-dritt tiegħu għas-silenzju fil-proċedura penali.

Din il-Qorti tirrimarka li:

La d-*double jeopardy* u l-anqas in-nuqqas ta' twissija m'huma nklużi fil-premessi tar-rikors promotur. Dawn m'huma xejn għajr żieda ta' *causae petendi* ġodda f'nota ta' sottomissjonijet wara li ngħalqu l-provi. Ħaġa li mhix ammissibbli; lanqas fi proċedura straordinarja bħalma hi din il-kawża "kostituzzjonali". B'danakollu, din il-Qorti qed tieħu konjizzjoni tagħhom xorta waħda u tosserva li:

(i) Id-*double jeopardy* iseħħ meta persuna tiġi pproċessata u/jew ikkundannata għall-istess fatt darbtejn fi proċeduri kriminali. Xi sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu sabu li kien hemm ukoll *double jeopardy* f'każi fejn persuna tiġi assoġġettata kemm għal proċess kriminali kif ukoll għal proċess amministrattiv li jinvolvi l-impożizzjoni ta' penali. Imma bl-edba tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li hemm *double jeopardy* jekk persuna tiġi assoġġettata għal

proċeduri ċivili kif ukoll kriminali. Li kieku kien hekk, il-vittma ta' att kriminali ma tkunx tista' tiftaħ proċeduri ċivili għad-danni. Allaħares naslu għal din l-assurdita`.

(ii) Mhux minnu li r-rikorrent ma ngħatax twissija qabel xehed. Fit-traskrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2018 quddiem l-Onorevoli Mħallef Toni Abela, hemm irreġistrat li wara li Ażiż qal lill-Qorti x'jismu, l-Imħallef wissieħ hekk:

> *You may refuse to answer any questions that may incriminate you. Now it's up to you which questions not to answer or to answer. Now your lawyer will also guide you in this sense.*

Il-verbal tar-Reġistratur ukoll jirreġistra din it-twissija.[4]

Il-Qorti tiddeplora bil-qawwa l-istqarrija falza li hemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, intiża biex tiżvija lil din il-Qorti u taħlilha l-ħin.

L-ilment ewlieni fir-rikors promotur hu li s-sentenza eventwali tista' tittieħed bħala prova kontrih. Dan l-ilment huwa kompletament bla bażi. L-akkużat m'għandu l-ebda dritt fundamentali li jagħżel ix-xhieda jew provi oħra li tista' tressaq il-prosekuzzjoni. Kull prova materjali għall-każ hija ammissibbli u tista' titressaq. Inkluża sentenza tal-Qorti ta' kompetenza ċivili. Dan apparti li dikjarazzjoni ta' falsita` f'sentenza ċivili ma ssarrafx awtomatikament fir-reat ta' falsita` in sede penali. Huwa prinċipju notorju li fl-ordinament ġuridiku Malti, illi l-proċeduri ċivili u penali huma, bħala regola, indipendenti minn xulxin. B'mod ġenerali, is-sejbin ta' ħtija fi proċeduri penali ma tfissirx bilfors ħtija fil-

[4] Fol. 43 fil-kawża in kwistjoni; fol 230 fil-proċess ta' din il-kawża

kamp ċivili; bil-maqlub, pronunzjament ta' Qorti f'sede ċivili ma ssarrafx bilfors fi pronunzjament ta' ħtija in sede penali. Jista' jkun hemm kundanna f'sede ċivili u liberazzjoni f'sede penali. Jekk ikun hemm sentenza finali tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili li ssib li r-rikorrent iffalsifika xi dokumenti, din m'għandhiex għalfejn toħloq preġudizzju f'moħħ il-ġurati, li jiġu ggwidati mill-imħallef dwar l-obbligi tagħhom bħala ġurati dwar kif jiżnu l-provi, u l-livell ta' "lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni" in sede penali li hu ferm ogħla mis-sempliċi "bilanċ ta' probabilita" in sede ċivili.

Billi din il-Qorti mhix sejra ssib ksur ta' jedd fundamentali, ma tistax tikkunsidra t-tieni talba, li hi biex tagħti rimedju għal tali ksur.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) Tiċħad l-ewwel talba.

(2) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba.

Spejjeż a kariku tar-rikorrent.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA